**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 58– 14 ta' Jannar 2019**

***Minuti tat-58 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar fl-14 ta' Jannar, 2019 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:00pm ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 58. Il-laqgha bdiet fil-6:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsillier Philip Said u l-Kunsillier Chris Bongailas ma kienx possibli ghalihom li jattendu ghal din il-laghqa minhabba ragunijiet ta' sahha.

58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Is-Sindku Sarah Agius prezentat il-minuti tal-laqgha ta' Dicembru sabiex jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Vernalise Scicluna. Astjenew mill-vot il-Kunsilliera Roderick Aquilina u George Cortis. Kien hemm qbil unanimu mill-kumplament tal-Kunsilliera.

58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

a. Decizjoni Arbitragg Bonnici Bros kontra Kunsill Lokali Haz-Zebbug

Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li qieghda tistenna informazzjoni minghand il-kuntrattur Bonnici Bros. dwar jekk jistghux jaccettaw l-ammont imsemmi fis-sentenza imqassam fuq diversi pagamenti. Is-Segretarju nfurmat ukoll lill-Kunsill li ghaddiet l-informazzjoni kollha lill-accountant sabiex ikun jista jahdem l-interessi abbinati mal-istess kawza.

b. Impjieg – Philip Gatt

Wara diskussjoni dwar x'ser jigri issa li nqatghet is-sentenza 'Pulizija kontra Philip Gatt', il-Kunsill qabel li ghandu jigi riferut kollox lid-Dipartment ghall-Gvern Lokali sabiex jinghata direzzjoni dwar x'ghandu jsir anke fid-dwal li xoghlu qed isir minn haddiehor dejjem bil-permess tal-istess Dipartiment. Id-Dipartiment kien ser jinghata kopja tas-sentenza li kienet

ippublikata online, kif ukoll l-ittra li saret mill-Avukat ta' Philip Gatt fejn dan kien qed jirrakommanda li jerga jinghata lura l-impjieg lil Philip Gatt fid-dawl li dan tal-ahhar ammetta ghall-akkuzi li kienu migjuba kontrieh, kif ukoll gie lliberat minn uhud u anke fid-dawl li nghata piena ta' xoghol fil-kommunita.

c. Karnival 2019

Is-Sindku qrat offerta li ntbaghtet lilha minn Noel Castillo ghal spettaklu fil-jiem tal-Karnival. Il-Kunsill qabel li tintaghzel l-offerta ta' Eur795 , kif ukoll l-ispiza tal-palk. Din l-attivita ghandha ssir l-Gimgha tal-Karnival.

58.4 Tismija tat-Toroq;

Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill kienet avvicinata mill-familjari ta' Emmanuele Cilia (Ghannej Tradizzjonali) sabiex jew isir bust ghalih jew inkella tissemma triq b'ismu. Il-Kunsill qabel li ghandha tissemma triq ghalih.

58.5 Korsijiet

Sar qbil sabiex isiru sessjonijiet taz-Zumba gewwa l-Iskola Primarja.

58.6 Sitwazzjoni Triq Santu Rokku

Gie maqbul li ghandu jintalab il-parir ta' Transport Malta dwar x'jista jsir dwar il-hrug minn Triq Santu Rokku ghal Vjal il-Helsien. Dan ghaliex sidien ta' vetturi jinjuraw Double Yellow Lines li hemm fil-kantuniera u jipparkjaw xorta wahda b'tali mod li jimpedixxu l-vizibbilita tas-sewwieqa li jkunu hergin minn Triq Santu Rokku.

58.7 Bandiera

Gie maqbul li tigi ordnata bandiera ta' Haz-Zebbug sabiex tinghata lil Baden Powell Scouts sabiex tkun tista tintuza waqt il-parati taghhom.

## 58.8 Heritage Trail

Is-Sindku Sarah Agius qalet li s-siti tal-heritage trail gew identifikati u nkiteb kummentarju fuq kull sit. Gew identifikati l' fuq minn 30 sit f'Haz-Zebbug. Dwar il-ktejjeb li ser jigi ppublikat bl-informazzjoni kollha, il-Kunsill qabel li minhabba li l-kwotazzjonijiet kienu ghadhom ma waslux kollha, kien qed jaghti d-dritt li l-ahjar offerent jintaghzel mis-Sindku u s-Segretarju sabiex jitlesta malajr.

## 58.9 Tlielaq tar-Roti

Il-Kunsill qabel li z-zewg tlielaq tar-roti li ser jostakolaw toroq arterjali tinhareg in-*no objection* ghalihom, bil-kundizzjoni li min ghandu rziezet jew djar fl-istess toroq ikollu access waqt il-hin tat-tlielaq.

## 57.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Wara li saret diskussjoni s-Sindku resqet l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Il-vot gie approvat unanimament.

## 57.10 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera prezenti.

57.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgha spiccat fis-7:45pm. Gie deciz li l-laqgha li jmiss ssir nhar it-Tnejn 11 ta’ Frar 2019.

**Sarah Agius** **Paula M. Valletta**

**Sindku** **Segretarju Ezekuttiv**

,